146

Fit-Tribunal ta' Revizzjoni ta' l-Ambjent
u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 5 MAY 2023
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Permess PA/00906/22

Andrew Vaswani

*versus*

L-Awtorita ta' l-Ippjanar

RIKORS ta' Andrew Vaswani
Jesponi bir-rispett:

Illi l-esponent inghata permess sabiex jibdel l-uzu ta' spazzju fid-Daniel's Shopping Mall fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ghall-holqien ta' klinika skond il-Klassi 2A tal-Klassijiet tal-Uzu fl-Ippjanar tal-Izvilupp u sabiex jezegwixxi xi alterazzjonijiet interni fl-istess spazzju.

Illi permezz ta' talba ghall-"*Post Decision Requirements*" mahruga mill-Awtorita tal-Ippjanar appellata fil-11 ta' April, 2023, l-esponent intalab ihallas "*Planning Gain*" ta' tnejn u disghin elf Euro (€92,000) favur il-*Planning Authority's Urban Improvements Fund* ghall-lokalita tal-Hamrun, u dan sabiex taghmel tajjeb ghall-*shortfall* ta' erbatax (14) il- spazzju.i ta' parkegg.

Illi l-esponent hassu aggravat bl-imposizzjoni tal-imsemmija "*Post Decision Requirement*" u qieghed minnha jinterponi appell ghal quddiem dan ir-Rispettabli Tribunal

Illi l-aggravju tal-esponent jikkonsisti fis-segwenti:

(i) fl-ewwel lok l-Awtorita appellata ma tatx ragunijiet ghala hija thoss li ma hemmx bizzejjed spazzji ta' parkegg fl-izvilupp ezistenti u approvat u dan jirrendi din id-decizzjoni legalment insostenibbli u irrtiwali ghad illi kull decizzjoni anke dawk moghtija minn korp kwazi-gudizzjarju bhal ma' hija l-imsemmija Awtorita appellata, ghandu jkollha r-ragunijiet u l-motivazzjonijiet wara dik d-decizzjoni, mfissra u spjegati b'mod tali li minn ihoss li ghandu jappella minn tali decizzjoni jkollu opportunita u mezz effettiv biex jappella u mhux jithalla fil-ghama dwar x'kienu ir-ragunijiet u l-motivazzjonijiet u jkun kostrett li jippronostika x'kienu l-vera ragunijiet u motivazzjonijiet;

(ii) l-Awtorita tal-Ippjanar appellata ma tispjeagx ghaliex hija thoss li ma hemmx eccess ta' spazzji ta' parkegg u fuq liema bazi oggetivament riskontrabbli hija wasslet ghal tali gudizzju.

Dan huwa nuqqas serju li jilledi d-dritt tal-esponenti appellant ghall-smigh xieraq tal-oggezzjoni u lanjanza tieghu;

(iii) l-esponenti appellant wera u ipprova adegwatment illi l-kalkolu tad-disponibilita tal-ispazzji ghall-parkegg fil-kumpless ta' hwienet in kwistjoni gie determinat skond il-process tat-TIS (*Traffic Impact Statement*) u li dan il-kalkolu gie accettat u kkonfermat mill-Awtorita ta' l-Ippjanar permezz tal-hrug u ghoti tal-permess PA/2096/21 fl-1 ta' April, 2022. Ghalhekk l-Awtorita tal-Ippjanar ma tistax tmur kontra dak li hija stess, kienet gja avvallat, konfermat u konvalidat;

(iv) inoltre jezisiti s-sostenn u l-avvallar tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun ghall-holqien ta' klinika fl-imsemmi kumpless ta' hwienet u ghalhekk huwa kontrosens, kontradizzjoni u inkongruwenza li jigi penalizzat l-esponenti appellant bil-hlas ta' kontribuzzjoni destinata ghall-uzu tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun, minhabba holqien ta' klinika li l-istess Kunsill Lokali huwa favur u li qieghed jirrakkomanda u li per konsegwenza kawza ta' tali rakkommandazzjoni ma jsostnix l-imposizzjoni tal-kontribuzzjoni;

(v) in aggunta l-esponent inghata ittra mahruga u iffirmata mis-Sindku tal-Hamrun, li permezz taghha s-Sindku jiddikjara il-holqien tal-klinika fl-ispazzju fid-Daniel's Shopping Complex hija rilokazzjoni ta' klinika antika li ilha topera ghexiren ta' snin fi spazzju li jinsab hamsin metru (50m) biss mill-kumpless ta' hwienet maghruf bhala Daniel's Shopping Complex, bir-rizultat li ma jezisti ebda impatt gdid fuq it-traffiku li jikkomporta gustifikazzjoni fl-imposizzjoni tal-hlas miltub.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost l-esponent appellant umilment jitlob lil dan ir-Rispettabbli Tribunal joghogbu, ghar-ragunijiet fuq imfissra, jirrevoka u jhassar id-decizzjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar ghall-imposizzjoni ta' "*Post Decision Requirement*" konsistenti b'talba ghall-hlas ta' "*Planning Gain*" ta' tnejn u disghin elf Euro (€92,000) favur il-*Planning Authority's Urban Improvements Fund* ghall-lokalita tal-Hamrun..

Av. Dott. Pio M. Valletta
*Farrugia, Gatt & Falzon,*
*First Floor, Regency House,*
*Republic Street, Valletta*

Notifika: Awtorita tal-Ippjanar, St. Francis Ravelin, Floriana